# TQANQILIET

Ta' Trevor Zahra

X'ħin ix-xemx
Taqbad it-trejqa żurżiqija
Lejn L-Ave Marija,
Naħrab tan-nies il-ħamba
U l-geġwiġija,
U bil-maħbuba miegħi
Naqbad inżul u tliegħi,
Biex qalb is-siġar,
L-irziezet,
U s-sejjieħ,
Insib mistrieħ.

Donnha teħfief
Il-ħajja għaġġelija,
Kull fl-għaxija;
U x'ħin is-sema jħammar
Bi dawl u dija,
Toħroġ b'qawwa ta' berqa
Tilgħab logħba bis-serqa
Il-fantasija.

Aktar ma d-dawl itaffi
U l-ħoss inin,
Jaqbżu bħal ħallelin,
Minn taħt is-siġar
Tal-bajtar u tat-tin,
Id-dliel waħxija,
Saħħarija,
Tawwalin.

U nħossni ħriġt mid-dinja
W tlaqtha wrajja,
Inħossni ngħix il-ħajja
Tal-kotba w ta' l-istejjer,
U nibqa', nibqa' sejjer
Noħlom mingħajr mistħija
Ħolm ta' tarbija.



'Mma x'ħin il-bini nqarreb
U l-għagħa ħarxa tan-nies,
X'ħin nisma' d-daqq żgarrat
Minn radju ġdid, stunat,
U r-riħ ta' xi "Cortina"
Ivenven biex jurina
Il-qerda ta' daż-żmien,
X'ħin nilmaħ mal-bankina
Żgħażagħ b'dik it-tbissima
Li tfiehmek mingħajr kliem
Li qlubhom tilfu s-sliem,
U x'ħin flok l-isem t'Alla
Nilmaħ ġo ħafna qlub
Isem "James Bond" miktub...
Il-logħob tal-fantasija
Jiżvinta minn ġo fija!

# GĦALL-KITBA TAJBA TAL-MALTI

TA' MICHAEL AGIUS

Fil-Malti għandna xi kliem li ilu s-snin jinkiteb ħażin u li ħafna kittieba iqisuh b'tajjeb. Dan ġara billi snin ilu kull kittieb kien jikteb bil-Malti kif jidhirlu hu u għax dal-kliem miktub ħażin jinsab f'dizzjunarji, kotba tal-qari, kotba tal-letteratura u oħrajn.

Ġbart ftit minn dan il-kliem u hawn taħt sa nuri fejn hu l-ħażin tiegħu. Nittama li għalli ġej kull kittieb li għandu għal qalbu l-Lsien Malti jiktbu tajjeb.

**AGĦJAT** (mhux GĦAJJAT) pl. ta' GĦAJTA. "Agħjat" titlissen a-jat mhux aj-jat. It-tiswir tal-plural (għadd imkattar) jaqa' taħt il-forma Qtal/Qtiel bħal nejba - NJIEB (it-tieni konsonanti) J tiġi sewwa sew wara l-ewwel konsonanti tal-għerq - N, bla vokali bejniethom - NEJ issir NJ. Hekk ukoll għażiż - EGĦŻIEŻ, għonq - EGĦNUQ. Il Vokali E ta' egħżiez u egħnuq bħal l-ewwel A f'AGĦJAT, qegħdin hemm biex inkunu nistgħu nlissnu l-GĦ, għax din (GĦ) dejjem trid vokali magħha biex tippronunzjaha.

**BERDGĦA** mhux berda Pl. BRADA'. Bl-Isqalli BARDA, VARDA, bl-ispanjol "LABARDA" ġejjin mill-Għarbi BARDA'A (bħal fil-Malti)

**BELT** snin ilu kienet BELD mill-Feniċ (Gh. balad Pers. Bilad, Lh. beld.